

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2017 – Mitrakos vs EUIPO – Belasco Baquedano (YAMAS)**(Kawża T-15/17)**

(2017/C 063/55)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Dimitrios Mitrakos (Palaio Faliro, il-Greċja) (rappreżentant: D. Bakopanou, lawyer)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Juan Ignacio Belasco Baquedano (Viana, Spanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattva tal-Unjoni li tinkludi l-elementi verbali "YAMAS" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 645 478*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Ottubru 2016 fil-Każ R 532/2016-2**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-oppożizzjoni u tippermetti r-reġistrazzjoni tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2017 – APF vs Il-Parlament**(Kawża T-16/17)**

(2017/C 063/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Alliance for Peace and Freedom (APF) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Richter, avukat)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Talbiet**

- tannulla l-Artikolu I.4.1 tad-deċiżjoni tal-konvenut tat-12 ta' Diċembru 2016 (Nru FINS-2017-15) dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-prefinanzjament għal 33 % tal-ammont massimu stabbilit, kif ukoll l-obbligu li tingħata garanzija;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoċa żewġ motivi li huma sostanzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-13/17, Europa Terra Nostra vs Il-Parlament.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2017 – Rintisch vs EUIPO – Compagnie laitière européenne (PROTICURD)**(Kawża T-25/17)**

(2017/C 063/57)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Bernhard Rintisch (Bottrop, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Dreyer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Compagnie laitière européenne SA (Condé Sur Vire, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 981 041 fir-rigward tat-trade mark verbali "PROTICURD"

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Novembru 2016 fil-Każ R 247/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 207/2009.
-